

Brussell, 7 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0114(COD)**

---

---

**8576/21**  
**ADD 2**

**RC 18**  
**CODEC 660**  
**COMPET 333**  
**IA 82**  
**MI 326**  
**COMER 40**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 100 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 100 final.

---

Mehmuż: SWD(2021) 100 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.5.2021  
SWD(2021) 100 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin  
li joħlqu distorsjoni fis-suq intern**

{COM(2021) 223 final} - {SEC(2021) 182 final} - {SWD(2021) 99 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)</b>
Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-abbozz ta' regolament dwar is-sussidji barranin
<b>A. Ftieġa li tittieħed azzjoni</b>
<b>X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?</b>
<p>L-UE impenjat ruħha li tkun waħda mill-aktar ekonomiji miftuħa fid-dinja f'termini ta' politika kummerċjali. Fl-istess ħin, uħud mill-politiki industrijali tas-sħab kummerċjali tagħha jinvolvu l-għoti ta' sussidji li jagħtu lill-benefiċjarji vantaġġ kompetittiv fl-aċċess jew fit-tiħiħ tal-preżenza tagħhom fl-ekonomija tal-UE. Sussidji bħal dawn jistgħu joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi fi tliet oqsma: (i) l-akkwist ta' kumpaniji; (ii) il-proċeduri tal-akkwist pubbliku; u (iii) sitwazzjonijiet oħra tas-suq. Filwaqt li diġà huwa possibbli li jiġu osservati tali distorsjonijiet, l-impatt tas-sussidji barranin fuq is-suq intern x'aktarx li jikber. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika attwali x'aktarx li twassal għal għadd akbar ta' investimenti sussidjati fl-UE.</p> <p>Il-kawża ewlenija tal-problema hija l-eżistenza ta' sussidji barranin distorsivi bbażati fuq l-istrateġiji industrijali ta' ċerti pajjiżi mhux tal-UE u n-nuqqas ta' kwalunkwe mekkaniżmu regolatorju biex jipprevjeni jew jirrimedja l-effetti ta' distorsjoni tagħhom. Filwaqt li l-għoti ta' appoġġ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri huwa soġġett għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat tal-UE, ma hemm l-ebda kontroll tal-impatt tas-sussidji barranin fuq is-suq intern, biex b'hekk l-industrija tal-UE titqiegħed fi żvantaġġ meta tikkompeti ma' impriżi li jirċievu sussidji barranin.</p>
<b>X'għandu jinkiseb?</b>
L-oġġettiv huwa li jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern tal-UE billi jiġu identifikati u jitneħħew id-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fil-kuntest ta' akkwisti, proċeduri ta' akkwist pubbliku u sitwazzjonijiet ġenerali tas-suq.
<b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?</b>
Id-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin spiss jaffettwaw diversi Stati Membri u għalhekk għandhom dimensjoni tal-UE. Barra minn hekk, l-UE għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ.
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'inhuma l-alternattivi differenti biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta jew le?</b>
<p>Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt (IAR) jistabbilixxi erba' għażliet: 1) linja bażi, inkluż l-adattament tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali; 2) il-ħrup ta' gwida dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti; 3) l-adattament tar-regoli eżistenti tal-UE; u 4) l-iżvilupp ta' strument legali ġdid. Għall-għażla 4, l-IAR tipproponi subgħażliet għal diversi parametri ta' disinn: (i) livell ta' kompetenza: Il-Kummissjoni biss jew mal-Istati Membri; (ii) approċċ investigattiv: notifika <i>ex officio</i>, notifika b'limiti differenti jew kombinazzjoni ta' <i>ex officio</i> u notifika; (iii) livell limitu għal sussidji distortivi: baxx jew għoli; (iv) kriterji ta' valutazzjoni; (v) test tal-ibbilanċjar (iva jew le); u (vi) miżuri ta' rimedju.</p> <p>L-għażla politika ppreferuta hija l-għażla 4, b'obbligu ta' notifika għal akkwisti kbar u każijiet ta' akkwist pubbliku, u sistema <i>ex officio</i> għal każijiet żgħar u sitwazzjonijiet oħra tas-suq.</p>
<b>X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?</b>
Il-partijiet ikkonċernati tal-UE esprimew appoġġ ġenerali għal azzjoni leġiżlattiva biex jiġi indirizzat l-impatt distorsiv tas-sussidji barranin (għażla 4). Xi partijiet ikkonċernati mhux tal-UE kienu mħassba li strument ġdid dwar is-sussidji barranin jista' jkollu effett dissważiv fuq l-investiment dirett barrani (IDB).

<b>C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta</b>
<b>X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma ta' dawk ewlenin)?</b>
L-għażla ppreferuta tirrestawra l-kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi ekonomiċi kollha u tipprevjeni li kompetituri innovattivi mhux sussidjati jiġu esklużi, u b'hekk il-konsumaturi jkollhom inqas għażla. Tista' wkoll tindirizza parzjalment il-kwistjoni ta' kumpaniji li jiddelokalizzaw lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE potenzjalment bi standards ambjentali aktar baxxi, li jirriżulta f'telf ta' impjiegi fl-UE.
<b>X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</b>
Il-kostijiet ewlenin huma kostijiet tal-konformità oġhla għan-negozji milquta bħala riżultat tar-regoli proċedurali ġodda. L-impriżi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja barranija fil-kuntest ta' fużjoni kbira jew ta' proċedura ta' akkwist pubbliku se jkunu obbligati jissottomettu notifiċi u jikkonformaw mat-talbiet għall-informazzjoni. Peress li t-tranżazzjonijiet huma notifikabbli wkoll skont regoli eżistenti oħra (ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, l-FDI), il-kostijiet inkrementali x'aktarx li jkunu inqas sinifikanti.
<b>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</b>
L-għażla ppreferuta tinvolvi piż amministrattiv baxx għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs), peress li mhumiex se jkunu soġġetti għall-obbligu ta' notifiċa, li juża livelli limiti għoljin għall-akkwisti u l-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, livell limitu għoli għal sussidji distorsivi għandu jkun ta' benefiċċju għall-SMEs, peress li l-investimenti sussidjati tagħhom jistgħu jaqgħu taħt il-livell limitu u għalhekk ma jiġux investigati.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>
Il-piż fuq il-Kummissjoni minħabba l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva huwa żgħir meta mqabbel mal-benefiċċji għall-ekonomija. Peress li l-Kummissjoni tkun l-uniku infurzatur, l-awtoritajiet nazzjonali ma jkollhomx kostijiet kbar.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>
L-għażla ppreferuta tista' twassal għal tnaqqis fl-investment dirett barrani fl-UE fi żmien qasir. Dan jista' jiġi kkompensat minn kundizzjonijiet aktar ekwivalenti u minn kompetizzjoni b'saħħitha fost il-kumpaniji mhux sussidjati fuq perjodu ta' żmien medju sa twil.
<b>Il-proporzjonalità?</b>
L-għażla ppreferuta tkun proporzjonata fid-dawl tal-impatt sinifikanti tas-sussidji barranin fuq is-suq intern tal-UE. L-għodda investigattiva mmirata u r-rimedji proporzjonati jirrestawraw il-kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jimponu kostijiet baxxi ta' konformità fuq il-kumpaniji kkonċernati.
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>
Minn żmien għal żmien il-Kummissjoni tagħmel tieżami tal-indikaturi perjodikament u tevalwa l-impatti tal-att leġiżlattiv fuq bażi kontinwa.